# QNIEPEN IDOQQU

*Ta'* W. GULIA

**B'tifkira tal-Mejtin taż-żewġ Assedji — 1565-1941**

Qegħdin idoqqu l-qniepen ta' San Ġwann
B'kisra li f'qalbi ma tħallix tgawdija:
Għax qed jitolbu għall-erwieħ minsija
Ta' żewġ rebħiet miġġielda bla serħan

Fuq swar u makni mġewħa; fid-duħħan,
Qalb il-ħadid mċarrat u l-ħruxija
Tal-għaks u l-ġuħ u l-qirda mistennija,
Sakemm tal-għajb is-sliem ħakem sultan.

Dqqu, ja qniepen! Għaliex tagħkom twila
Tas-snin il-medda, u fuq mewġ l-irjieħ
Il-karba tagħkom tingħi, tixher, ilha.

Doqqu, ja qniepen! Ftakru li l-ġens tagħna
Il-lum u l-bieraħ kien minn dejjem sħiħ
U ma ttemmux ir-regħba tal-baħnana!